# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum

Mandat Numru. **1913/2021ISB**

Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` **Mandat ta` Inibizzjoni Numru 1913/2021ISB** fl-ismijiet :

**Ronald Pavia (KI 494265M)** mwieled Pavia, Charge Nurse, ibejn Joseph u Helen Pavia nee` Pace, mwieled l-Intarfa nhar il-15 ta' Ottubru 2965 u residenti Plot 37, Gio Felice Inglott Street, Pembroke

vs

1. **Saint Vincent De Paule Long Term Care Facility,** Florence Nightingale Road, Luqa,
2. **Ministeru ghall-Anzjani u ghall-Anzjanita' Attiva** ta' Triq in-Negozju, Zone 3, Central Business District, Mriehel,
3. **Ministeru ghas-Solidarjeta' u l-Gustizzja Socjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal** ta' Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 2000

**Il-Qorti** :

Preliminari

Rat ir-**rikors** prezentat mir-rikorrenti fl-24 ta' Decembru 2021 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, huwa talab lil din il-Qorti sabiex izzomm lill-intimati:

*Milli b'xi mod jergghu jzommu bord ta' dixxiplina (fosthom izda mhux limitatament ghal dik skedata ghat-28 ta' Dicembru 2021) u jzommu seduti u/jew jinstemghu xhiedha u/jew jittiehdu passi dixxiplinari jew mizuri kontra l-istess esponent abbazi ta' charge letter datata d-29 ta' Lulju 2021*

u dan ghar-ragunijiet u l-premessi hemmek maghmula.

Rat id-dokumenti pprezentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** taghha tal-24 ta' Dicembru 2021 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimata bi zmien prefiss biex twiegeb, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-5 ta` Jannar 2022, li kellha tigi differita ghas-17 ta' Jannar 2022 minhabba indisposizzjoni tal-Qorti.

Rat li l-intimati kienu debitament notifikati.

Rat ir-**risposta** tal-intimati Saint Vincent De Paule Long Term Care Facility u l-Ministeru ghall-Anzjani u ghall-Azjanita' Attiva tal-4 ta' Jannar 2022.

Rat ir-**risposta** tal-intimat Ministeru ghas-Solidarjeta' u l-Gustizzja Socjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal tas-6 ta' Jannar 2022.

Semghet, waqt l-udjenza mizmuma, id-dikjarazzjoniji ta' Mark Musu, Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tas-Solidarjeta` u l-Gustizzja Socjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal b`riferenza ghall-**Artikolu 873(3) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, fejn stqarr, illi "*ma jista' jaghmel ebda dikjarazzjoni in kwantu li l-Ministeru minnhu rappresentant mhux responsabbli mill-Isptar San Vincenz de Paule u wisq anqas minn xi proceduri dixxiplinari mizmuma*"[1] - u b'hekk issodisfaw dak li trid il-ligi f'dan il-kuntest biex il-Mandat jinstema` u jigi deciz. Minn naha l-ohra, l-Avukat Noel Bezzina ghall-Minsteru ghall-Anzjani u ghall-Anzjanita Attiva ghamel

[1] Vide verbal tas-seduta mizmuma 17.01.2022

referenza ghar-risposta minn fejn jirrizulta ddikjarat illi "*kieku ma sarx dan il-mandat, il-proceduri ta' dixxiplina kienu intizi li jitkomplew*".

Rat l-atti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2022 u rat illi r-Rikors thalla ghal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi r-rikorrent ighid illi b'ittra tad-29 ta' Lulju 2021, huwa, fil-kapacita' tieghu ta' charge nurse, gie akkuzat b'numru ta' affarijiet, "*arrogance or insolence towards colleagues and use of foul or offensive language*".

Illi huwa rribatta tali charges kemm quddiem il-Bord t'Investigazzjoni u kif ukoll quddiem il-Bord ta' Dixxiplina. Jispjega illi fl-ewwel seduta tal-Bord tad-Dixxiplina, (5 ta' Novembru 2021), il-persuna li hassitha aggravata bl-allegat atteggjament tar-rikorrent irtirat l-ilment u talbet lill-Bord iwaqqaf il-proceduri. In segwitu ghal dan, huwa jsostni illi l-Bord ta' Dixxiplina ddikjara illi l-proceduri ma kienux ser jitkomplew u ddikjaraw procediment ezawrit. Jghid illi dan kollu huwa minuted imma ukoll on tape.

Ir-rikorrent jghid illi l-Bord wara bidel fehtmu u gharrafu illi kien ser ikompli bil-process ta' dixxiplina, u minkejja illi huwa pprotesta ruhu ghal dan ghaliex din id-decizjoni kienet tmur kontra d-drittijiet tieghu, b'dana kollu il-Bord iffissa seduta ghat-28 ta' Dicembru 2021. Jghid illi minkejja diversi talbiet ghall-minuti tal-Bord ta' Dixxiplina, huwa qatt ma nghata kopja.

Jsostni illi jekk jerga' jghaddi mill-istess Bord dwar l-istess *charges*, allura huwa ser ikun ghaddha process darbtejn dwar l-istess *charges* – u ghalhekk qed jitlob il-hrug ta' dan il-Mandat.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi minn naha taghhom, l-intimati Saint Vincent De Paule Long Term Care Facility u l-Ministeru ghall-Anzjani u ghall-Azjanita' Attiva jsostnu illi t-talba hija nfondata ghandha tigi respinta. Filwaqt illi jirrilevaw illi kellu jitharrek il-Bord tad-Dixxiplina u/jew il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, peress illi huwa hu li jikkonduci l-proceduri, bhala awtorita' delegata tal-Kummissjoni

ghas-Servizz Pubbliku, jsostnu illi huma biss parti fil-process ta' dixxiplina li qed jigi kondott.

Fil-mertu jsostnu illi qatt ma nghatat decizjoni formali da parti tal-Bord tad-Dixxiplina u qatt il-Bord ma ppronunzja ruhu formalment. Jsostnu ukoll illi fl-aghar ipotezi ghar-rikorrent, m'hemm ebda jedd illi ser jigi pregudikat b'mod irrimedjabbli jekk il-mandat ma jintlaqax, u ma hemmx pregudizzju illi ma jistghax jigi rimedjat.

Minn naha tieghu, il-Ministeru ghas-Solidarjeta' u l-Gustizzja Socjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal sostna fir-risposta tieghu illi huwa mhux il-legittimu kontradittur u dan stante illi b'effett mill-10 ta' Dicembru 2020 l-anzjani, servizzi fil-komunita' u d-djar tal-anzjani ma baqghux fir-responsabbilita tal-Ministeru hekk intimat, izda saru responsabbilita' tal-Ministeru l-iehor intimat, l-Ministeru ghall-Anzjani u l-Anzjanita' Attiva. Kwindi l-Ministeru esponent mhux responsabbli, la mill-Isptar San Vincenz de Paule u lanqas mill-haddiema tieghu.

Fid-dawl ta' dan huma jwiegbu illi ai termini tal-Artiklu 873(3) tal-KAP 12 ma jistghux jiddikjara fl-affermattiv jew fin-negattiv ghandhom hsieb iwettqu dak li qed jigi mizmum – proprjru ghaliex m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza.

Fi kwalunkwe kaz, il-Ministeru esponent jiddikjara illi huwa ma kellu ebda rwol fil-hrug tac-charge letter, fil-hatra tal-bord tad-dixxiplina u fi kwalunkwe haga ohra illi r-rikorrenti jilmenta minnha.

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi fit-trattazzjoni taghha, l-abbli Avukat Abigail Critien tghid illi hija kienet presenti ghall-laqgha tal-bord tad-dixxiplina tal-5 ta' Novembru 2021 u ghalkemm kienet lesta tiehu gurament, fuq livell prima facie u bhala ufficjal tal-Qorti, ghall-Qorti kienet tabbasta d-dikjarazzjoni taghha fis-sens illi hija semghet lill-bord ighid xi haga fis-sens "*you are lucky today Mr Pavia – mur u kun mbierek*". Fehmet bl-aktar mod car illi l-bord kienet qed iwaqqaf il-proceduri hemm bhala procediment ezawrit. Issostni illi talbet ghal hafna drabi, kif in effetti evidenzjat mill-kopji prodotti, sabiex tinghata kopja tal-minuti, izda dawn qatt ma wasslu. Tispjega illi kellu jigi intimat il-Ministeru ghas-Solidarjeta' u l-Gustizzja Socjali ghaliex hemm korrispondenza fejn is-signiture fl-email hija tal-Ministeru koncernat.

Emanuel Briffa kkonferma mal-Qorti illi r-recordings jezistu u l-Qorti, kif jirrizulta f'digriet illi tat u kif jinsab verbalizzat, ordnat illi dawk ir-recording tas-seduta tal-5 ta' Novembru jigu preservati.

Minn naha tieghu, l-abbli Avukat Emanuel Bezzina ghall-Ministeru ghall-Anzjani u Azjanita' attivi sostna illi kellhom ikunu it-tlett membri tal-bord tad-dixxiplina lijigu mharrka u jirrispondu, anke jekk il-posizzjoni tal-Ministeru hi li huwa parti fil-proceduri ta' dixxiplina u jsostni illi l-bord ma' ha ebda decizjoni dak in-nhar tas-seduta tal-5 ta' Novembru. Jghid b'dana kollu illi l-Bord ha parir minn ghand il-PSC u nghata parir sabiex ikompli bil-process ta' dixxiplina.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi skond l-**Artikolu 873(1) tal-Kap.12** – L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skond l-**Artikolu 873(2) tal-Kap.12** – Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li qed jippretendi li ghandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`**[2] qalet hekk –

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Hemm imbaghad l-**Artikolu 873(3)** tal-Kap.12 li jaqra hekk –

[2] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

> *Il-qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Mela fejn, fil-kaz odjern, b`zieda mal-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2) tal-Artikolu 873, irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe`:

(a) li l-haga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-hsieb li titwettaq, u

(b) li l-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.

Ghar-rigward tal-element tal-pregudizzju meqjus fil-kuntest tas-subinciz (3), wara l-emenda li giet fis-sehh f`Ottubru 2006, il-ligi ma baqghetx titkellem dwar pregudizzju "*li ma jkunx jista' jigi rimedjat*" bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-mandat kontra l-Gvern, izda huwa bizzejjed jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-mandat li dak il-pregudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternativi.

Li allura jfisser illi jekk xi wiehed mill-elementi ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-procedura tal-lum hija mahsuba biex wahda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jigi precizat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali.

Ghalhekk ma jistax ikun hemm il-hrug tal-Mandat jekk il-hsara li minnha r-rikorrent ikun qieghed jilmenta tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Dan kollu maghdud, **ikkunsidrat ulterjorment**:

Qabel xejn il-posizzjoni tal-intimat Ministeru ghas-Solidarjeta` u l-Gustizzja Socjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal, li jikkontendi li mhux il-legittimu kontradittur.

Il-Qorti, wara li semghet id-dikjarazzjoni tas-Segretarju Permanenti fi hdan l-istess Ministeru u wara illi semghet ir-raguni ta' ghalfejn gie mharrek il-Ministeru koncernat, imma ukoll wara li ezaminat id-dokumentazzjoni annessa mar-risposta tal-istess Ministeru, senjatament, il-Gazzetta tal-Gvern Nru 20,535, issib illi din l-eccezzjoni ghandha mis-sewwa u ghalhekk sejra tillibera lill-istess MInisteru ghas-Solidarjeta` u l-Gustizzja Socjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal mill-osservanza tal-gudizzju peress illi tqis illi safa' mharrak inutilment.

In kwantu ghall-eccezzjoni mressqa mill-intimati Saint Vincent De Paule Long Term Care Facility u l-Ministeru ghall-Anzjani u ghall-Azjanita' Attiva, fis-sens illi l-mandat kellu jigi dirett lejn l-membri tal-bord tad-dixxiplina u l-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku u mhux lilhom in kwantu illi al piu`, huma biss parti fil-proceduri ta' dixxiplina *de quo*, il-Qorti tqis illi din l-eccezzjoni ghanda tigi mistharrga issa.

Il-Qorti tirreferi ghad-dokumenti esebiti mir-rikorrenti stess, minn fejn jirrizulta, mqarr fuq livell *prima facie*, illi wara s-seduta tal-5 ta' Novembru 2021, il-bord kien irrefera l-kaz lill-PSC "*for a ruling <u>on how to proceed</u>*" u

allura huwa certament il-kaz illi, ntqal xi ntqal fi tmiem dik is-seduta, il-bord ma kienx ha decizjoni u ghalaq il-process ta' dixxiplina, altrimenti ma kienx jaghmel talba bhal din lill-PSC. Huwa ghalhekk car ghall-Qorti illi almenu fuq livell prima facie, dak li qed isostni r-rikorrent illi l-proceduri kienu gew ezawriti ma jirrizultax. Dan b'ebda mod ma ghandu jfisser illi dak li ssostni anke l-Avukat tar-rikorrent mhux minnu – ifisser biss illi huwa car u evidenti, illi semghet x'semghet, il-bord tad-dixxiplina ma kienx ghalaq il-kaz.

Jirrizulta illi l-proceduri qeghdin jittentaw jitkomplew mhux fuq ordni tal-bord, imma fuq ordni tal-Kap tad-Dipartiment – u dan kif anke jipprovdu r-regolamenti relattivi. Dan ifisser illi una volta il-Kap tad-Dipartiment taghti l-ordni tat-tkomplija, m'hemm xejn x'jitwaqqaf da parti taghha. Xoghol il-Kap tad-Dipartiment ikun sar u l-mazz issa jkun f'idejn il-Bord tad-dixxiplina.
F'dan il-kaz jirrizulta illi l-bord ddecieda, fuq l-ordni lilu moghtija, illi jkompli bis-smigh b'seduta fit-28 ta' Dicembru 2021. Una volta illi l-bord nghata l-*fiat* biex ikompli bis-smigh u ffissa s-seduta tat-28 ta' Dicembru 2021, jista' jinghad illi issa l-process jinsab kondott ghal darb'ohra mill-bord tad-dixxiplina, u mhux mill-intimati rimamenti.

Huwa ghalhekk illi meta t-talba kif maghmula u mpustata fil-mandat qed issir fil-konfront ta' Saint Vincent De Paule Long Term Care Facility u l-Ministeru ghall-Anzjani u ghall-Azjanita' Attiva sabiex dawn jitwaqqfu jew jinzammu milli "*b'xi mod jergghu izommu bord ta' dixxiplina u jzommu seduti u/jew jinstemghu xhiedha u/jew jittiehdu passi dixxiplinarji jew mizuri kontra l-stess esponent a bazi ta' charge letter datata 29 ta' Lulju 2021*" – it-talba, fil-fehma tal-Qorti, ma tistax tregi fil-konfront tal-intimati odjerni. Dan peress illi dak li huma kellhom jaghmlu ghamluh u ma hemmx x'jitwaqqaf da parti taghhom. Dak li ser isir issa u qed jigi ttentat illi jitwaqqaf, ser isir fuq ordni tal-bord tad-dixxiplina.

Il-Qorti thoss ghalhekk illi kienu korretti l-intimati Saint Vincent De Paule Long Term Care Facility u l-Ministeru ghall-Anzjani u ghall-Azjanita' Attiva jecepixxu illi l-membri tal-Bord tad-dixxiplina kellhom jigu intimati, anzi li kellhom ikunu huma illi jirrispondu. Il-Qorti tqis illi t-talba mressqa ma tistghax tintlaqa' fil-konfront tal-intimati.

Huwa f'dan il-kuntest illi l-Qorti sejra tghaddi biex tichad it-talba mressqa. Fil-kuntest tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti thoss illi r-rikorrent ma ppruvax, mqarr fuq livell *prima facie*, illi l-Mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet li jippretendi li ghandu.

Dan kollu maghdud, il-Qorti thoss illi ghanda tirrimarka, una volta illi l-fatti gew quddiemha, illi ma thossx illi jista' jissejjah process trasparenti dak fejn tintemm seduta ta' bord tad-dixxiplina, potenzjalment billi tinghata l-ideja illi l-proceduri ser jintemmu bhala *procediment ezawrit*, imma mbaghad il-bord jirreferi lill-PSC u l-PSC tiehu decizjoni minghajr ma l-istess persuna dixxiplinata tkun konxja. Dik it-talba tal-Bord ghad-direzzjoni mill-PSC hija formanti parti integrali mill-process intier u holistiku tad-dixxiplina illi l-haddiem ikun ghaddej minnhu, anke ghaliex ser teffetwah b'mod dirett, tkun xi tkun id-decizjoni/direzzjoni tal-PSC, u allura ghandu jkun involut fiha u informat b'dik il-parti tal-process ukoll.

Hekk ukoll certament illi jixxekkel is-smigh giust meta minuti ma jintbghatux u aktar minn hekk, jinghad b'mod ufficjali illi "*at this stage the Board is not in a position to forward the transcript/recording since these can be accessed upon request after the case has been concluded and the report of the findings communicated to the parties*".[3] Il-Qorti thoss illi dan mhux sewwa u persuna li qed jaffaccja proceduri ta' dixxiplina ghandu jinghata kopja tal-minuti, fuq kollox, ghaliex dawk isiru tieghu ukoll. Mhux biss, imma ghaliex minn seduta ghall-ohra jaf jghaddi ftit taz-zmien u l-minuti jsiru indispensabbli. X'jiswa, issaqsi l-Qorti, jekk jinzamm *record* ta' dak li jkun gara, jekk dak ir-*record* ma tistghax taccessah meta trid tkun taf x'gara? X'jigri, per ezempju, jekk persuna dixxiplinata tbiddel, kif inhu dritt taghha, lil min jippatrocinha?

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet kollha premessi, u <u>minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi dritt iehor illi r-rikorrent jista' ghandu</u>, din il-Qorti qeghda tiddeciedi billi –

1. **Tiddikjara** illi l-Ministeru ghas-Solidarjeta` u l-Gustizzja Socjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-tfal mhux legittimu kontradittur u ghalhekk gahndu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju,

2. **Tirrevoka** *contrario imperio* d-digriet taghha tal-24 ta' Dicembru 2021 fejn laqghet il-Mandat b'mod provvizorju, u

3. **Tichad** it-talba ghall-hrug tal-Mandat kif mitlub b'mod definittiv.

[3] Vide email ta' Francesca Muscat Camilleri (Director – Polciy Development & Programme Implementation) tat-2 ta' Dicembru 2021

Spejjes, fic-cirkostanzi tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, il-Hamis, 20 ta' Jannar 2022.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**